MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Numru. 567/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Camen Camilleri, bin Mario u Mary nee' Buttigieg mwieled fl-24/10/1988 u joqghod Bambina, Triq Dun Nard Mallia, Zurrieq, I.D. 2489(G).**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Camen Camilleri li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fl-04 ta' Settembru 2010, ghal habta ta' 07:05hrs fi Triq il-Belt Valletta, Zurrieq waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBP975:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta'

regolamenti ta' traffiku ikkaguna hsara fl-imsemmija vettura JAZ998 ghad-dannu ta' Doriana Louisa Mizzi.

2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ta' traffiku, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Doriana Louisa Mizzi skond ma' ccertifikat Dr. Rose Mary Spiteri M.D. reg.no. 2535 mic-Centru tas-Sahha ta' Paola.

3. Saq l-imsemmija vettura b'velocita' li teccedi l-limitu preskritt bil-ligi.

4. Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga lilu minn Transport Malta.

5. Ghamel uzu mill-vettura imsemmija hawn fuq minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwizti f'dawna il-proceduri jirrizulta illi l-parti leza Doriana Louisa Mizzi hija l-uniku xhud okulari ghal dana l-incident u dana billi l-imputat ma jixhidx f'dawn il-proceduri u ma jidhirx illi kien hemm xi terzi persuni indipendenti li kienu xhieda ta' dana s-sinistru stradali. Il-Qorti ghalhekk trid tistrieh fuq dak li tghid il-parti leza u l-provi cirkostanzjali li ingabbru mill-pulizija li investigaw l-incident. L-imputat ittiehed immedjatament l-isptar peress illi kien sofra griehi ta' natura gravi. Illi l-imputat jigi mitkellem jumejn wara meta kien ghadu rikoverat gewwa l-isptar fejn huwa jaghti l-verzjoni tieghu ta' kif sehh l-incident. Ma jidhirx illi qabel ma irrilaxxja dina id-dikjarazzjoni dwar id-dinamika ta'l-incident huwa inghata it-twissija skond il-ligi u kwindi l-Qorti mhijiex ser tiehu konjizzjoni ta' tali dikjarazzjoni.

Illi irrizulta illi l-incident stradali sehh ghal habta tas-sebgha u hamsa ta' fil-ghodu fil-jum tas-Sibt l-04 ta'

Settembru 2010 gewwa Valletta Road, iz-Zurrieq, triq twila u dritta b'vizwali tajba ghall-utenti kollha taghha. Jidher illi l-art kienet xotta u ma kienx hemm wisq traffiku fit-triq. Dana tghidu il-parti leza fix-xhieda taghha fejn hija tghid illi f'dik l-ghodwa hija kienet qed issuq il-vettura taghha JAZ998 fit-triq imsemmija sejra fid-direzzjoni miz-Zurrieq lejn il-fabbrika ST Micro Electronics. Hija riedet iddur ghal go triq Dun Guzepp Barbara li hija triq sekondarja li kienet tinsab fuq il-lemin taghha. Ghalhekk hija xeghlet l-*indicator* u waqqfet tistenna peress illi kien gej it-traffiku mill-karreggjata l-opposta u hija kellha taqsam dina il-karreggjata sabiex tidhol ghal din it-triq sekondarja. Tghid illi waqt li kienet hekk wieqfa semghet hoss qawwi ta' mutur gej minn warjaha. Tghid illi mill-hoss tal-mutur hija setghet tikkonstata illi dana kien gej bi *speed* eccessiv. F'temp ta' ftit sekondi, l-imputat wasal mal-vettura taghha u baqa' diehel b'impatt qawwi fuq in-naha ta' wara tal-vettura taghha, precisament fin-nofs. L-imputat sofra griehi gravi mal-impatt li kien wiehed qawwi u kellu jigi rikoverat l-isptar. Il-parti leza sofriet biss griehi ta' natura hafifa u dana skond kif iccertifikat Dr. Rose Mary Spiteri[1]

Illi l-Highway Code fir-regolamenti ghas-sewwieqa jaghti is-segwenti pariri siewja:

***158. Issuqx qrib wisq tal-vettura ta' quddiemek u suq b'veloċità hekk li tista' twaqqaf mal-ewwel jekk il-vettura ta' quddiemek tagħmel manuvra f'daqqa u tnaqqas il-veloċità jew tieqaf. L-unika regola żgura hija li qatt ma żżomm qrib aktar mid-distanza ġenerali biex tieqaf (ara d-distanzi tipiċi biex tieqaf u t-tieni regola ġenerali taħt Parir Ġenerali).***

***159. Ħalli d-distanza taż-żewġ sekondi bejnek u l-vettura quddiemek f'toroq traffikużi***

Illi ghalhekk kien dmir ta'l-imputat illi isuq b'mod galbat u joqghod attent ghal kwalsiasi vettura li tkun qieghda tinsaq quddiemu, u is-sinjali li dik il-vettura tkun qed taghmel sabiex hu jiehu il-prekawzzjonijiet kollha mehtiega fil-hin.

[1] Ara certifikat mediku esebiet a fol.7 u affidavit tat-tabiba Spiteri a fol.45

Illi l-imputat messu kien jaf bhala sewwieq ta’ mutur illi kien ser ikun difficli ghalih iktar illi iwaqqaf mutur fil-hin milli kieku kien qieghed isuq vettura. Ghalhekk messu kien aktar prudenti fis-sewqan tieghu. Ma jidhirx mill-atti illi l-parti leza waqqfet il-vettura f’salt jew ma tatx indikazzjoni ta’ dak li kienet ser taghmel u kwindi l-imputat messu zamm *proper lookout* u naqqas il-velocita tieghu sabiex jevita l-kollizzjoni. Illi apparti dak li tghid l-parti leza fir-rigward tal-velocita li kien qed isuq biha l-imputat, fl-atti ma hemmx prova ohra li tindika li l-imputat kein qieghed isuq b’velocita iktar minn dak li tippreskrivi l-ligi. L-parti leza di piu tghid illi kien mill-hoss qawwi tal-mutur illi hija assumiet illi dan kien gej ghal fuqha bi speed eccessiv u mhux ghax ratu jaghmel dan. Il-Qorti ghalhekk ma tistax issib htija ghar-rigward tat-tielet akkuza abbazi ta’ dina l-affermazzjoni wahidha. Li tista’ tikkonkludi il-Qorti huwa illi l-imputat kien traskurat fis-sewqan tieghu u ma kienx attent ghal dak li kien qieghed jigri fit-triq bil-konsegwenza illi ma indunax illi l-parti leza kienet waqqfet il-vettura taghha u baqa’ diehel dritt ghal fuqha. Fil-fatt mill-iskizz esebit fl-atti dwar dana is-sinistru stradali jidher car illi l-*ispot of impact* kien ezattament vicin it-triq sekondarja Dun Guzepp Barbara u l-impatt mal-vettura tal-parti leza kienet ezattament fin-nofs. Ghaldaqstant abbazi ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel zewg akkuzi jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi saq il-mutur minghajr licenzja tas-sewqan. Illi mix-xhieda ta’Stephen Cachia u d-dokumenti esebieti minnu, jirrizulta illi l-imputat ma kellux licenzja tas-sewqan biex isuq mutur. Jirrizulta illi l-licenzja tas-sewqan li ghandu l-imputat tkopri biss il-kategorija B u cioe’ dik tal-vetturi.[2] Kwindi ir-raba akkuza hija ippruvata.

L-istess ma jistax jinghad ghar-rigward tal-hames u l-ahhar akkuza migjuba fil-konfront ta’l-imputat u dana billi mix-xhieda ta’ Anthony Savona u id-dokumenti esebiti minnu jidher illi l-mutur in kwistjoni kien kopert b’polza

[2] Ara xhieda ta’ Stephen Cachia a fol.36 u Dokument SC

ta'l-assikurazzjoni mil-11 ta' Gunju 2010 sal-31 ta' Mejju 2011[3].

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali nadifa u ukoll l-fatt illi l-griehi gravi li sofra l-imputat f'dana l-incident certament servewh ta' taghlima iktar minn kwalunkwe piena li tista taghtih din il-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 328(d), 225, 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a), u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet u il-hames akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf ewro (€1000).

Il-Qorti tordna illi l-imputat jigi skwalifikata milli ikollu licenzja tas-sewqan ghal tmint ijiem mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ara xhieda ta' Anthony Savona a fol 22 u id-Dokument AS